# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 4**

**Avviz numru 1294/00/SM**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta'Mark u Simone konjugi Demarco u l-istess konjugi Demarco.**

**vs**

**Joseph Magri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat:**

1. **Ihallas lill-Middle Sea Insurance plc noe u lill-konjugi Demarco rispettivament LM148.23 u LM150 danni li ghamlu fronti ghalihom in segwitu ghal incident stradali li gara f'Lija fis-26.10.98 bejn Skoda Felicia nru DAM 535 tal-konjugi Demarco (allura misjuqa minn Sarah Demarco u assikurata b'polza comprehensive mal-Middle Sea Insurance plc) u truck Leyland nru CBA 068 misjuqa minnu – prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjes, komprizi LM123 ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104, u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-24 ta' Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz premess stante li ghall-incident de quo kienet unikament responsabbli Sarah Demarco minhabba inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte taghha biss;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet id-dikjarazzjoni tal-partijiet li rrimettew ruhhom ghall-fatti kif jirrizultaw fl-atti ta' din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta ta' l-4.10 p.m. tas-26 t'Ottubru 1998 fi Triq il-Mosta, Hal-Lija, u fih kienu involuti l-vettura tal-marka Skoda Felicia bin-numru ta' registrazzjoni DAM-535 misjuqa minn Sarah Demarco, proprjeta' tal-genituri taghha ko-atturi u l-vettura trakk tal-marka Leyland bin-numru ta' registrazzjoni CBA-068 misjuq mill-konvenut Joseph Magri;**

**2. Illi meta l-vettura misjuqa minn Sarah Demarco kienet wieqfa din gie danneggjata meta t-trakk tal-konvenut fuq indikat dahal fiha kif indikat fl-iskizz mertu ta' din il-procedura;**

**3. Illi d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghall-mija u erbghin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu, (LM148.23,0), u mija u hamsin Lira Maltin, (LM150.00,0), kwantu ghan-"no claim bonus";**

**4. Illi l-vettura DAM-535 fuq riferita kienet assigurata b'mod komprensiv u s-socjeta' attrici tirrizulta debitament surrogata;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Joseph Magri unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont komplessiv ta' mitejn u tmienja u disghin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu, (LM298.23,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Magri jhallas lill-atturi kwantu ghall-mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu, (LM148.23,0), lis-socjeta' attrici assigurattrici Middle Sea Insurance p.l.c. u kwantu ghall-mija u hamsin Lira Maltin, (LM150.00,0), lill-atturi Mark u Simone konjugi Demarco, bl-ispejjez u**

**bl-imghaxijiet dovuti mid-data ta' l-ittra ufficjali riferita fl-avviz promotur.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**